# Ġabra tal-ġurisprudenza

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tat-30 ta' Ġunju 2016 – CB vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-491/07 RENV)**

"Kompetizzjoni — Deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi — Suq tal-ħruġ ta' kards ta' ħlas fi Franza — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 81 KE — Tariffi applikabbli għal 'min jidħol ġdid' — Miżata tas-sħubija u mekkaniżmi hekk imsejħa 'li jirregolaw il-funzjoni ta' akkwist' u 'għal membri inattivi li jerġgħu jsiru attivi' — Suq rilevanti — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni b'effett — Artikolu 81(3) KE - Żbalji manifesti ta' evalwazzjoni — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Proporzjonalità — Ċertezza legali"

1. *Akkordji — Projbizzjoni — Assenza ta' regola ta' raġonevolezza fid-dritt Komunitarju tal-kompetizzjoni (Artikolu 81(1) u (3) KE) (ara l-punti 67-70, 100, 126, 135)*

2. *Akkordji — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni — Evalwazzjoni fid-dawl tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku — Applikazzjoni tal-kriterji għal sistema b'żewġ faċċati — Teħid inkunsiderazzjoni ta' interazzjonijiet bejn is-suq rilevanti u suq konness distint (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 74-76, 82)*

3. *Akkordji — Effett ħażin fuq il-kompetizzjoni — Evalwazzjoni fid-dawl tal-kuntest ekonomiku u ġuridiku — Teħid inkunsiderazzjoni tal-impatt tal-ftehim fuq is-sitwazzjoni tal-kompetizzjoni attwali u potenzjali u ta' dik is-sitwazzjoni fl-assenza ta' ftehim (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 107-110, 125)*

4. *Att tal-Istituzzjonijiet — Motivazzjoni — Obbligu — Portata — Deċiżjoni li jiġu applikati r-regoli tal-kompetizzjoni (Artikolu 81(1) KE ; Artikolu 296 TFUE) (ara l-punt 144)*

5. *Kompetizzjoni — Deċiżjoni li jiġu applikati r-regoli tal-kompetizzjoni — Stħarriġ ġudizzjarju — Portata — Stħarriġ tal-legalità kemm tad-dritt kif ukoll tal-fatt — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li teħtieġ evalwazzjoni ekonomika kumplessa — Obbligu li jsir stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni ġuridika (Artikolu 81(1) KE; Artikolu 261 TFUE u Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 31) (ara l-punti 158-160)*

6. *Akkordji — Ftehimiet bejn impriżi — Prova tal-ksur — Evalwazzjoni tal-valur probatorju tal-varji provi — Kriterji — Dikjarazzjonijiet ta' impriżi (Artikolu 81(1) KE) (ara l-punti 341, 353)*

7. *Akkordji — Projbizzjoni — Eżenzjoni — Kundizzjonijiet — Kundizzjonijiet kumulattivi — Oneru tal-prova — Portata — Eżami mill-Kummissjoni (Artikolu 81(3) KE) (ara l-punti 362-365, 435)*

8. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Setgħat tal-Kummissjoni fis-suġġett tal-verifiki — Limiti — Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba — Portata (Artikolu 81 KE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 14, u Nru 1/2003, Artikolu 20) (ara l-punti 437, 462)*

9. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Waqfien tal-istanzi ta' ksur — Setgħa tal-Kummissjoni — Miżuri korrettivi u impenji — Limiti — Osservanza tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba (Artikolu 81 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 9) (ara l-punt 461)*

10. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Waqfien tal-istanzi ta' ksur — Setgħa tal-Kummissjoni — Ordnijiet diretti lill-impriżi — Limiti — Osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali (Artikolu 81 KE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 17, Artikolu 3(1), u Nru 1/2003, Artikolu 7(1)) (ara l-punti 468, 477,482-485, 488, 491)*

11. *Kompetizzjoni — Proċedura amministrattiva — Waqfien tal-istanzi ta' ksur — Setgħa tal-Kummissjoni — Portata fil-kuntest tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 1/2003 — Osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità — Stħarriġ ġudizzjarju — Portata (Artikolu 81 KE; Regolamenti tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 7(1), u Artikolu 9(1)) (ara l-punt 470)*

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5060 finali, tas-17 ta' Ottubru 2007, dwar proċedura ta' implementazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] (COMP/D1/38606 – Groupement des cartes bancaires "CB").

**Dispożittiv**

1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2007) 5060 finali, tas-17 ta' Ottubru 2007, dwar proċedura ta' implementazzjoni tal-Artikolu 81 [KE] (COMP/D1/38606 – Groupement des cartes bancaires "CB") hija annullata sa fejn il-Kummissjoni Ewropea ordnat lill-Groupement, fl-Artikolu 2, "li tastjeni, fil-futur, minn kull miżura jew [minn] kull aġir li għandu għan identiku jew simili".

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-Groupement des cartes bancaires (CB) u l-Kummissjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess, inkluż dawk relatati mal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

4) BNP Paribas, il-BPCE u s-Société générale għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess, inkluż dawk relatati mal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.